# Dipartiment tal-Protezzjoni Civili

## Politika dwar il-Protezzjoni tad-Data

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (UE) 2016/679 u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap 586) jirregolaw l-ipproċessar tad-data personali, kemm dik miżmuma elettronikament, kif ukoll dik miżmuma manwalment. Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civil għandu l-għan li jkun konformi mal-prinċipji kif definiti fil-leġiżlazzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.

**L-Għanijiet għall-ġbir tad-data**

Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civil jiġbor u jipproċessa informazzjoni sabiex ikun jista' jonora l-obbligi tiegħu skont il-leġislazzjoni preżenti. Id-data kollha hija miġbura u pproċessata skont kif stabbilit fil-liġijiet dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u l'Att dwar il-Protezzjoni Civil Kapitlu 41, u ligijiet ohra sussidjarji.

**Riċevituri tad-data**

L-informazzjoni personali hija aċċessata mill-uffiċjali li huma assenjati li jwettqu l-funzjonijiet tal-Dipartiment tal-Protezzjoni Civil. Id-data personali se tingħata jekk l'investigazjonijiet ikunu qed isiru mil Pulizija, jew jekk issir talba mil Qrati ta'Malta. Id-data personali tista' tingħata anke lill-partijiet terzi meta dan huwa permess bil-liġi.

**Id-Drittijiet Tiegħek**

Int għandek dritt tkun taf, bla ħlas, x'tip ta' informazzjoni Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civil qed iżomm u jipproċessa dwarek, ir-raġuni għala qed iżomm l-informazzjoni, min għandu aċċess għaliha, kif qed tinżamm u kif qed tinżamm aġġornata, għal kemm żmien qed tinżamm u x'qed jagħmel Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civil biex ikun konformi mal-leġiżlazzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jistabbilixxi proċedura formali li għandha tintuża f'każ li jsiru talbiet għal aċċess ta' informazzjoni mis-suġġetti tad-data. Kull suġġett tad-data għandu d-dritt li jaċċessa kull informazzjoni personali li dan Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civil iżomm dwaru, kemm dik miżmuma elettronikament, kif ukoll dik miżmuma manwalment. It-talbiet għal aċċess ta' informazzjoi għandhom isiru bil-miktub u jintbagħtu lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civil Mat-talba għandhom jiġu sottomessi d-dettalji ta' identifikazzjoni, bħan-numru tal-karta tal-identità, l-isem u l-kunjom. F'każ ta' diffikultà dwar l-identifikazzjoni tal-persuna, wieħed jista' jintalab jippreżenta d-dokument ta' identifikazzjoni.

Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civil għandu l-għan li jipproċessa t-talbiet għal aċċess ta' informazzjoni fl-iqsar żmien possibbli u li jiżgura li l-informazzjoni tingħata fi żmien raġonevoli u fi kwalunkwe każ jara li dan isir sa mhux aktar tard minn xahar minn meta tasal it-talba għand Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civil sakemm ma jkunx hemm raġuni valida għal aktar dewmien. Meta t-talba għal aċċess ma tkunx tista' tiġi pproċessata fi żmien raġonevoli, ir-raġuni l-għala, għandha tintbagħat bil-miktub lis-suġġett tad-data. Is-suġġett tad-data se jiġi infurmat f'każ ta' ksur tad-data personali tiegħu.

Is-suġġett tad-data għandu dritt jitlob li l-informazzjoni tiegħu tiġi emendata jew li ma tintużax f'każ li mhijiex korretta.  Is-suġġett tad-data jista' jitlob ukoll li d-data tiegħu tiġi mħassra.

Jekk applikabbli, dawn id-drittijiet jistgħu jiġu limitati skont il-Leġislazzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.

F'każ li m'intix sodisfatt bit-tweġiba li ngħatajt għat-talba għal aċċess, tista' tirreferi l-ilment tiegħek lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, li d-dettalji ta' kuntatt tiegħu jidhru hawn taħt.

**Politika dwar iż-Żamma tad-Data**

Id-data personali tiegħek qed tinġabar permezz ta' *The General Data Protection Regulation (GDPR) u  Data Protection Act CAP 586.*

L-għanijiet ta' żamma tal-kategoriji ta' dokumentazzjoni varji li għandha fi ħdanha Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civil jista jinsab *Annex A and Annex B of the Data Protection for Public Administration,* Emendat l-aħħar fis-sena 2020.

Data li teħtieġ li tinqered wara l-perjodi ta' żmien stipulati hawn fuq, se tiġi distrutta b'mod effiċjenti biex ikun assigurat li l-informazzjoni ma tibqax disponibbli fi ħdan Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civil.

**L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data** jista jiġi kkuntattjat permezz tal-imejl dp.cpd@gov.mt jew permezz tat-telefon +356 23930000.

**Kontrollur tad-Data**
Il-Kontrollur tad-Data tal-Protezzjoni Civili, jista' jiġi kkuntattjat hawnhekk:

Dipartiment tal-Protezzjoni Civili
Mqabba Road
Ta'Kandja Limits of Siggiewi
SGW2610
Telephone:  +356 23930000
Email:  civilprotection@gov.mt

**Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data** jista' jiġi kkuntattjat hawnhekk:
Indirizz Postali: 2 Livell, Airways House,
Triq il-Kbira,
Tas-Sliema, SLM 1549

Tel: 23287100

Imejl: idpc.info@idpc.org.mt